

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil n° 9 de Barcelona (Spanja) fil-11 ta' Awwissu 2014 – Jorge Sales Sinués vs Caixabank S.A.**

**(Kawża C-381/14)**

(2014/C 388/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil n° 9 de Barcelona.

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Jorge Sales Sinués.

Konvenuta: Caixabank S.A.

**Domandi preliminari**

Peress li s-sistema Spanjola tipprowdi, fl-Artikolu 43 tal-LEC<sup>(1)</sup>, dan l-effett sospensiv jew ta' preġudizzju tal-azzjoni individwali mibdija b'mod parallel mill-konsumatur sakemm tingħata sentenza definitiva fl-azzjoni kollettiva, sa fejn dan il-konsumatur ikun ġie marbut minn dak li jiġi deċiż f'dan il-kuntest mingħajr ma kellu la l-opportunità li jiddifendi b'mod utli d-dritt tiegħu u lanqas li jipproduċi provi bil-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu:

- 1) Jista' jiġi kkunsidrat li dan huwa mezz jew mekkaniżmu effettiv fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KE[E]<sup>(2)</sup>?
- 2) Sa liema punt dan l-effett sospensiv jikkostitwixxi ostakolu għall-konsumatur, u għalhekk, ksur tal-Artikolu 7(1) tal-istess direttiva, biex tiġi invokata n-nullità ta' dawn il-klawżoli inġusti li jinsabu fil-kuntratt tiegħu?
- 3) Il-fatt li konsumatur ma jistax jiddistakka ruħu mill-azzjoni kollettiva jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 93/13/KE[E]?
- 4) Jew inkella, bil-kontra ta' dan, l-effett sospensiv tal-Artikolu 43 tal-LEC huwa konformi mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13/KE[E] fis-sens li d-drittijiet tal-konsumatur huma kompletament imħarsa minn din l-azzjoni kollettiva, peress li l-ordinament ġuridiku Spanjol jipprevedi mekkaniżmi proċedurali oħra li huma daqstant effettivi għall-ħarsien tad-drittijiet tiegħu, u mill-prinċipju ta' ċertezza legali?

<sup>(1)</sup> Ley de Enjuiciamiento Civil (kodiċi tal-proċedura ċivili Spanjol)

<sup>(2)</sup> Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kontratti mal-konsumatur. ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia n° 44 de Barcelona (Spanja) fil-11 ta' Awwissu 2014 – Alta Realitat S.L. vs Erlock Films y Ulrich Thomsen**

**(Kawża C-384/14)**

(2014/C 388/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de Primera Instancia n° 44 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Alta Realitat S.L.

Konvenuti: Erlock Films u Ulrich Thomsen

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 <sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li l-qorti nazzjonali adita tista', abbażi tal-elementi kollha li hija għandha, tiddetermina jekk id-destinatarju ta' att jafx il-lingwa li fiha dan l-att huwa redatt?

Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda:

2) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li meta l-qorti nazzjonali adita tkun iddeċidiet, abbażi tal-elementi kollha li hija għandha, li d-destinatarju ta' att jaf il-lingwa li fiha dan l-att huwa redatt, l-uffiċjal li jwettaq in-notifika ma għandux joffrili l-possibbiltà li jirrifjuta li jirċievi dan l-att?

3) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk id-destinatarju ta' notifika jirrifjutaha minħabba li d-dokument huwa redatt f'lingwa speċifika filwaqt li l-qorti adita tkun iddikjarat li din il-persuna kellha għarfien suffiċjenti tal-imsemmija lingwa, ir-rifjut tad-dokument ma huwiex iġġustifikat u l-qorti adita tista' tapplika l-konsegwenzi previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' oriġini għal dan it-tip ta' rifjut mhux iġġustifikat u saħansitra, jekk dan ikun previst mir-regoli proċedurali tal-Istat ta' oriġini, tista' tiddikjara li d-dokument ġie nnotifikat lid-destinatarju tiegħu?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Novembru 2007, dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 (ĠU L 324, p. 79).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Mercantil n° 9 de Barcelona (Spanja) fit-12 ta' Awwissu 2014 – Youssouf Drame Ba vs Catalunya Caixa S.A.**

(Kawża C-385/14)

(2014/C 388/05)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Mercantil n° 9 de Barcelona

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Youssouf Drame Ba

Konvenuta: Catalunya Caixa S.A.

**Domandi preliminari**

Peress li s-sistema Spanjola tippovdi, fl-Artikolu 43 tal-LEC <sup>(1)</sup>, dan l-effett sospensiv jew ta' preġudizzju tal-azzjoni individwali mibdija b'mod parallel mill-konsumatur sa kemm tingħata sentenza definitiva fl-azzjoni kollettiva, sa fejn dan il-konsumatur ikun marbut minn dak li jiġi deċiż f'dan il-kuntest mingħajr ma kellu la l-opportunità li jiddifendi b'mod utli d-dritt tiegħu u lanqas li jipproduċi provi bil-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu:

1) Jista' jiġi kkunsidrat li dan huwa mezz jew mekkaniżmu effettiv fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KE[E] <sup>(2)</sup>?